Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,450, 6 ta' Ġunju, 2025

Taqsima B

A.L. 98 tal-2025

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mal-Kunsill tas-Saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, hawn aktar 'il quddiem imsejħa t-"Tielet Skeda".

Kap. 31.

Jemenda t-Tielet Skeda.

2. It-Tielet Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fit-Taqsima A tagħha minnufih wara l-partita "Delta-8-THCH, delta-8-tetrahydrocannabihexol delta-8-THC-C6" għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"HHC-C9 or CC9	3-nonyl-6a,7,8,9,10,10a-hexahydro-6,6,9-trimethyl-6*H*-dibenzo[*b*,*d*]pyran-1-ol";

(b) fit-Taqsima B tagħha minnufih wara l-partita "2-FLUORODESCHLOROKETAMINE (2-FDCK)" għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"CARISOPRODOL	(2RS)-2-[(carbamoyloxy)methyl]-2-methylpentyl (1-methylethyl)carbamate".